MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-2 ta' Awwissu, 2001

Numru 452/2001

**PULIZIJA**
**SPETTUR FRANS MICALLEF**

**VS**

**WILLIAM DIONISIOS ANGELO CORITO**
**CHRISTIAN ZAHRA**

**Illum 2 ta' Awissu 2001.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-akkuzi kontra William Dionisios Angelo Corito, mgharuf bhala Billy, ta’ 23 sena bin Emanuele u Giorgia nee’ Borg, imwieled il-Grecja, fid-29 ta’ Settembru 1977 u li joqghod Vassallo Flats/1, St. George’s Street, Gzira / Joseph/3, Triq il-Gzira, bin-numru tal-karta tal-identita’ 367398 M;

U kontra Christian Zahra, ta’ 27 sena, bin Louis u Giovanna nee’ Sultana, imwieled Pieta’ fl-14 ta’ Frar 1974 u li joqghod 27 Triq Santa Rita, Tas-Sliema, bin-numru tal-karta ta’ l-identita’ 152974 M;

Talli f’Tas-Sliema nhar it-2 ta’ Lulju 2001, ghall-habta tas-1.00pm, ikkommettew serq liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, liema valur, huwa ta’ aktar minn mitt lira maltin (Lm100) izda anqas minn elf lira maltin (Lm1000);

Ukoll talli fl-istess data, kellhom fil-pussess taghhom id-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar medicini perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienux fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienux bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzati li jimmanifatturaw, jew li jfornu d-droga msemmija u meta ma kienux b’xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta’ Malta, li jkollhom id-droga msemmija fil-pussess taghhom u naqsu li jipprovaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skond ricetta kif provduta fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti 8 tar-regoli tal-1939 dwar kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli wkoll fl-istess data u cirkostanzi kellhom fil-pussess taghhom medicina specifikata u psikotropika meta ma kienux awtorizzati kif imiss, bi ksur tar-regolament 5 (1) tal-avviz legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40 (a) u 120 (A) u t-tielet skeda tal-ordinanza dwar professjoni Medika u l-professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat.

Lil William Dionisius Angelus Corito, talli fil-Gzira nhar l-20 ta' Lulju 2001, kkommetta serq ta' mobile phone , liema serq huwa kkwalifikat bil-valur , liema valur huwa ta' aktar minn mitt lira maltin, (Lm100) , izda anqas minn elf lira maltin, (Lm1000).

U lil Christian Zahra wahda , talli kiser il-kondizzjoni imposta fuqu b'sentenza, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), nhar id-29 ta' Janar 2001.

Wara li rat ir-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939, dwar kontroll intern tad-droga perikoluzi, (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emmendati u bi ksur tal-oridinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ir-regolament 5 (1) tal-avviz legali 22 tal-1985, kif sussegwentement emendat u 40 (a) u 120 (A) u t-tielet skeda ta' l-Ordinanza dwar professjoni Medika u l-professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputati, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib liz-zewg imputati hatja ta' kif akkuzati mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward ta’ l-imputat William Dionisious Angelo Corito, din il-Qorti filwaqt li ssibu hati, qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fiz-zmien tlett (3) millum, u a tenur ta’ l-Artikolu 5, qeghda tahtar lill-Probation Officer Marietta Lanzon, sabiex issegwi l-passi tieghu u tirraporta lil din il-Qorto, kull sitt (6) xhur.

Ghar-rigward ta’ l-imputat Christian Zahra, din il-Qorti tinnota illi din mhix l-ewwel darba li xellef difrejh mal-gustizzja, u ghaldaqstant, qeghda tikkundannah ghall-multa ta’ tlett mitt lira maltin (Lm300), b’sitt xhur zmien ghall-pagament.

Il-Qorti qeghda wkoll tordna l-konfiska u distruzzjoni tal-medicina ezebita’

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza liz-zewg imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------